BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD** (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 06/09 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2009 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **Is-Sur Rocco Zahra**<br>**Is-Sur Jesmond Borg** |

***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 05/09 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. T.Roberts ippropona u J.Baldacchino issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -2***

*01/06 -* Residenti minn Birżebbuġa ressqu talba sabiex tinbena *kennel* wara l-Boċċi Club fi Triq San Patrizju biex isservi ta' dar għall-kelb li dejjem ikun idur f'dawn l-inħawi. Wara diskussjoni l-Kunsill ma qabilx ma' dan is-suġġeriment.

*02/06 -* Birżebbuġa Aquatic & Sports Club għal sena oħra bi ħsiebu jorganizza Skola Sports għat-tfal ta' Birżebbuġa. Huma qed jitolbu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill sabiex jisponsorjaw din l-attivita' bħas-snin ta' qabel. Fid-dawl tad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 02/09 fejn ġie deċiż li l-Kunsill mhux ser ikun f'pożizzjoni li jagħti donazzjonijiet, il-Kunsill ma laqax din it-talba.

***AĠENDA -3***

Fis-Seduta Nru. 08/08 li saret nhar il-Erbgħa, 29 ta' Ottubru 2008, il-Kunsill qabel unanimament li l-ħaddiema klerikali tal-Kunsill għandhom jingħataw iż-żieda li tixirqilhom mill-1 ta' Novembru 2008 u fis-Seduta Nru. 02/09 li saret nhar il-Ħamis, 12 ta' Frar 2009 il-Kunsill reġa' qabel unanimament li jekk ma jkun qiegħed jikser l-ebda regolament jagħti ż-żieda ta' l-għola *notch* ta' l-iskala kkonċernata lill-ħaddiema tiegħu. Issa li l-Kunsill għandu konferma minn naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li dan jista' jsir iż-żewġ ħaddiema klerikali ser jingħataw żieda sa l-għola *notch* ta' l-iskala rispettiva bl-arretrati mill-1 ta' Novembru 2008. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -4***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Ġunju '09. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €26,684.42 titħallas skond skeda Nru. 06/09.

***AĠENDA -5***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li l-amministrazzjoni qiegħda taħdem fuq ħruġ ta' Offerti Pubbliċi tal-Ġbir tal-Iskart, Tindif ta' Postijiet Mhux Urbani u Manutenzjoni ta' Lampi Ornamentali.

2. Is-Sindku ippropona biex għax-xhur tas-sajf inżidu servizz sabiex jitnaddaf il-*promenade* minn ħdejn il-Klabb tal-Boċċi sa quddiem il-Każin tal-Partit Laburista tlett darbiet fil-ġimgħa. Għaldaqstant inġabru tlett kwotazzjonijiet fejn intgħażel il-Kuntrattur, is-Sur Saviour Mifsud, għas-somma ta' €4606. Kulħadd qabel.

3. T.Roberts issuġġerixxa li fuq il-*promenade* jiżdiedu d-*dustbins* biex b'hekk nippruvaw inżommu nadif kemm jista' jkun. Hu ssuġġerixxa li jiġu mneħħija d-*dustbins* ta' fuq l-i*stands* u jitwaħħlu oħrajn ġodda u biex fl-i*stands* jitpoġġew *pots* bil-pjanti. Kulħadd qabel.

4. Minħabba nuqqas ta' faċilitajiet sportivi li għandna fil-lokalita', J.Baldacchino ippropona li għandu jsir appuntament ma' l-Onor. Clyde Puli sabiex jiġi diskuss x'jista' jsir fil-lokalita'. Kulħadd qabel.

5. T.Roberts informa l-Kamra li l-arbli ornamentali tal-*promenade* qegħdin ikunu mitfijja għaliex qed issirilhom manutenzjoni minħabba l-ħsara kbira li nstabet. Hu ssuġġerixxa wkoll li sabiex nippruvaw inħeġġu t-turist lejn il-lokalita' għandna nressqu proposta lill-ADT sabiex ir-rotta 427 li titlaq mit-*terminus* ta' Buġibba għal Marsaxlokk tibda tgħaddi wkoll miċ-ċentru ta' Birżebbuġa. Kulħadd qabel.

6. B.Pace infurmat lill-Kamra li għax-xhur tas-Sajf ser jiġu organizzati courses differenti għat-tfal, u li din is-sena l-korsijiet tal-kompjuter għat-tfal u għall-adulti ser isiru ġewwa Birżebbuġa.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2009 fil-5.30pm. .
.

| ......................................... | ............................................. |
|---|---|
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

## Schedule of Payments 06/09

### Period 01/06/2009 till 30/06/2009

| Cheque | To | For | Amount Euro |
|---|---|---|---|
| 7231 | Malta Horticultural Society | Partecipation Fee | 4.66 |
| 7245 | Commissioner of Inland Revenue | NIC & PAYE April 09 | 1052.68 |
| 7247 | AKL | Insurance - Money | 42.00 |
| 7248 | AKL | Mayors Meeting | 52.00 |
| 7250 | Plaza Hotel | Mothers Day Dinner | 1332.00 |
| 7259 | AKL | Health Insurance | 570.00 |
| 7260 | Petty Cash | Petty Cash | 116.83 |
| 7261 | MEPA | Application FEE | 35.00 |
| 7262 | MEPA | Application FEE | 35.00 |
| 7291 | Raymond Vella | Distribution of Leaflets - Switch Campagin | 170.00 |
| 7296-9 7301 | Salaries May | Salaries May 2010 | 4046.16 |
| 7299 | Eco Pure | Water | 221.00 |
| 7302 | Joseph Farrugia | Reimbursed Expenses - May 09 | 146.60 |
| 7303 | Commissioner of Inland Revenue | NIC & PAYE May 09 | 1051.68 |
| 7340 | ELC | Cleaning & Maint Public Gardens May 09 | 1147.92 |
| 7323 | New Era Waste Services | Street Cleaning May 09 | 1939.58 |
| 7315 | Ronald & Chris Bezzina | Cleaning & Maint Public Conv. May 09 | 1017.29 |
| 7357 | RVS Ltd. | Refuse Collection June 09 | 6878.90 |
| 7329 | Ronald & Chris Bezzina | Cleaning of Public Places | 332.92 |
| 7327 | Elmein Ltd. | Lift Maintenance | 64.00 |
| 7330 | Raymond Cutajar | Opening of School Hall | 272.02 |
| 7331 | Media Link | Advert - Annual Meeting | 41.06 |
| 7332 | Allied Newspapers | Advert - Annual Meeting | 51.68 |
| 7334 | M Quip Co. Ltd. | Two swings | 332.00 |
| 7335 | Union Press co. Ltd. | Advert - Annual Meeting | 41.20 |
| 7306 | Tino 2000 | Office Supplies | 28.50 |
| 7336 | Nexos | Maintenance of Street Lighting | 343.10 |
| 7337 | Bieb Bieb Enterprise Ltd | 2 Books | 11.50 |
| 7324 | Clas Services | One complete metal halide - tal-papa (Light) | 383.50 |
| 7339 | MG Pulis | Supplies | 418.65 |
| 7343 | Peter Briffa | Reimbursed Expenses | 20.00 |
| 7344 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | 20.00 |
| 7345 | Michael Magro | Reimbursed Expenses | 20.00 |
| | Anthony Camilleri | Reimbursed Expenses | 5.00 |
| 7326 | Pauline Ellul | Office Cleaning | 76.00 |
| 7324 | Clas Services | 4 Broken Antennas | 338.66 |
| 7325 | Tarcisio Caruana Ltd. | Hardware Supplies | 16.15 |
| 7333 | JJ Ironmongery | Various Hardware Supplies | 875.91 |
| 7338 | J Farrugia Ironmongery | Various Hardware Supplies | 345.88 |
| 7322 | Debattista Carmen | Library Opening May 09 | 100.62 |
| 7305 | Chossey DVD | Computer Screen + Video Card | 283.90 |
| 7317 | Andrew Fleri Soler | Toner | 110.00 |
| 7316 | Roc A Go | Towing Services | 47.20 |
| 7328 | Southern Harbour | Expenses Incurred - May 09 | 81.60 |
| 7318 | J Brincat | Newspapers March 09 | 46.55 |
| 7319 | Silvio Camilleri | Supplies | 697.52 |
| 7321 | Charlie Fenech | Tipper Truck May 09 | 1320.00 |
| 7341 | Joseph Demicoli | Mothers Day Entertainment | 100.00 |
| | | **Total Paid** | **26684.42** |

| Signature: | Date: | Resolution No: | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | | | |